



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-12 ta' Ġunju 2014 — Municipiul Piatra Neamț

(Kawża C-13/14)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Inammissibilità manifesta”

1. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali — Evalwazzjoni tan-neċessità u tar-rilevanza tad-domandi magħmula (Artikolu 267 TFUE) (ara l-punti 8, 9)*
2. *Domandi preliminari — Ammissibilità — Talba li ma tipprovdi l-ebda preċiżazzjoni fuq il-kuntest fattwali u leġislattiv u li ma tesponix ir-raġunijiet li jiġġustifikaw ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja — Inammissibilità manifesta (Artikolu 267 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 23; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 94) (ara l-punti 10-16)*

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Curtea de Apel Bacău — Interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru°2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340) — Applikazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali inqas favorevoli għal kuntratt pubbliku konkluż preċedentement — Preġudizzju effettiv jew potenzjali għall-baġit tal-Unjoni — Preżunzjoni ta' preġudizzju bbażata fuq il-konstatazzjoni ta' ksur tar-regoli proċedurali mitluba għall-konklużjoni ta' kuntratti pubbliċi.

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bacău (ir-Rumanija), b'deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2014 (Kawża C-13/14), hija manifestament inammissibbli.